Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2122(INI)

17.11.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-UE
(2023/2122(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Deirdre Clune

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[1],

A. billi l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedu li l-istituzzjonijiet tal-UE jwettqu l-ħidma tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ u trasparenti sabiex jippromwovu governanza tajba u jiżguraw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili; billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, magħmul, fost l-oħrajn, minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jeżerċita funzjonijiet konsultattivi, għandu jassisti lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 300(1) tat-TFUE;

B. billi, fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI)[2], l-"organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" (OSĊ) huma definiti bħala firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati multipli, li jistgħu jvarjaw maż-żmien u bejn l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi; billi l-OSĊ jinkludu l-istrutturi kollha mhux statali, mhux għall-profitt, u mhux vjolenti, li permezz tagħhom in-nies jorganizzaw l-ilħuq ta' objettivi u ideali kondiviżi, kemm politiċi, kif ukoll kulturali, reliġjużi, ambjentali, soċjali jew ekonomiċi, li joperaw f'livelli lokali, nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali, u li jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali kif ukoll formali u informali;

C. billi, fl-Artikolu 2(48) tal-proposta tagħha tas-16 ta' Mejju 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (COM(2022)0223), il-Kummissjoni tiddefinixxi "organizzazzjoni mhux governattiva" (NGO) bħala "organizzazzjoni volontarja, indipendenti mill-gvern, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, li mhijiex partit politiku jew trade union";

D. billi r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, inklużi l-NGOs, għandhom ikunu soġġetti għal regoli ta' skrutinju, diliġenza dovuta u trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament, bi kriterji proporzjonali u proċeduri mhux ikkumplikati, b'mod partikolari għall-NGOs iż-żgħar;

E. billi t-tishiħ tar-rekwiżiti ta' trasparenza għall-entitajiet ġuridiċi, inklużi l-NGOs, li jwettqu attivitajiet ta' lobbying jew ta' promozzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE għandu jikkontribwixxi biex jiġi traċċat l-indħil barrani;

---

[1] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

[2] Ara l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

F. billi l-Kummissjoni għandha mekkaniżmi b'saħħithom għall-kontroll tan-nefqa tal-NGOs iffinanzjati mill-baġit tal-UE, liema mekkaniżmi huma fost l-aktar stretti fl-Ewropa; billi l-allegazzjonijiet reċenti ta' korruzzjoni kontra Membri u ex Membri tal-Parlament Ewropew involvew NGO li ma kinitx irreġistrata fir-Reġistru tat-Trasparenza;

G. billi fit-13 ta' Settembru 2023, il-Parlament Ewropew emenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu bil-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont;

L-importanza tar-rwol tal-NGOs fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija

1. Ifaħħar ir-rwol essenzjali li l-NGOs u l-OSĊ li jaħdmu għall-promozzjoni u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt jaqdu fis-soċjetajiet madwar id-dinja; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħidma kruċjali ta' dawn l-organizzazzjonijiet biex jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, jiġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni, jiġġieldu għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli, jinfurmaw lil individwi u gruppi, speċjalment lil dawk l-aktar vulnerabbli, dwar id-drittijiet tagħhom u jiddefenduhom meta jinkisru dawk id-drittijiet, jikkundannaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u dawk ċivili, jippromwovu d-djalogu interkulturali, l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku, jiġġieldu d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda, jiġbru informazzjoni ta' interess pubbliku u jżommu lill-gvernijiet u lir-rappreżentanti eletti responsabbli fil-konfront taċ-ċittadini, u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-impunità għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jenfasizza r-riskji serji li l-persuni li jaħdmu għall-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw fl-attivitajiet tagħhom madwar id-dinja, inkluż it-theddid kontrihom u kontra l-familji tagħhom, l-intimidazzjoni u kull forma ta' fastidju, inkluż permezz ta' mezzi online u tal-midja soċjali, proċedimenti u prosekuzzjoni legali abbużivi, detenzjoni arbitrarja, vjolenza, tortura, għajbien, qtil u eżekuzzjonijiet, li jistgħu jġegħluhom jgħixu fl-eżilju;

3. Jinsab allarmat bil-fatt li xi gvernijiet f'pajjiżi terzi, li l-għan tagħhom huwa li jċekknu l-ispazju tas-soċjetà ċivili u li jsikktu lil dawk li ma jaqblux magħhom, adottaw leġiżlazzjoni bbażata, fost l-oħrajn, fuq is-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-indħil barrani, li timponi obbligi diskriminatorji fuq l-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħaddiema tagħhom, tistigmatizza, tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-attivitajiet tagħhom, inkluż billi tagħlaq dawn l-NGOs, tiffriża l-assi tagħhom, tiskoraġġixxi lid-donaturi tagħhom milli jikkontribwixxu fondi jew iċċaħħadhom mill-aċċess għall-finanzjament; jemmen li l-UE għandha tmexxi bl-eżempju f'dan il-kuntest;

It-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem iffinanzjati mill-baġit tal-azzjoni esterna tal-UE

4. Jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata, sal-limitu possibbli, informazzjoni trasparenti u aċċessibbli dwar il-benefiċjarji, inklużi l-NGOs, tal-fondi ta' azzjoni esterna tal-UE ddedikati għad-drittijiet tal-bniedem u għall-appoġġ għad-demokrazija u għall-proġetti relatati ffinanzjati mill-UE li jiġu implimentati madwar id-dinja kollha; jirrikonoxxi li l-NGOs ilhom snin jitolbu aktar trasparenza fil-livell tal-UE; jirrikonoxxi l-kundizzjonijiet riskjużi u ta' theddid għal ħajjithom li xi difensuri tad-drittijiet tal-

bniedem u NGOs jiffaċċjaw f'pajjiżi mhux tal-UE; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data jridu jiġu żgurati sabiex ma jitpoġġewx f'riskju;

5. Jilqa' t-twaqqif tal-finanzjament tal-UE u l-irkupru ta' fondi mħallsa lil għadd żgħir ta' organizzazzjonijiet li l-azzjonijiet tagħhom kienu l-oppost tal-valuri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-fondi tal-UE ma jiffinanzjawx organizzazzjonijiet li ma jirrispettawx il-valuri tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġiji aktar flessibbli ta' appoġġ għall-atturi tas-soċjetà ċivili f'ambjenti repressivi, li għandhom diffikultajiet biex jibbenefikaw mill-assistenza;

6. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkunu kompletament trasparenti dwar l-allokazzjoni ta' fondi lil pajjiżi terzi għall-kooperazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni, u jiżguraw li l-finanzjament, it-taħriġ jew forom oħra ta' appoġġ Ewropew relatati mal-migrazzjoni lil pajjiżi terzi la jiffaċilitaw direttament u lanqas indirettament it-twettiq ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u lanqas ma jsaħħu u jipperpetwaw l-impunità għal tali ksur; iħeġġeġ li kwalunkwe proġett jew inizjattiva ta' kooperazzjoni migratorja ffinanzjati mill-UE jew mill-Istati Membri jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt u monitoraġġ *ex ante* bir-reqqa u indipendenti b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem matul il-proġett kollu, u li r-riżultati ta' tali valutazzjonijiet u monitoraġġ jiġu ddivulgati lill-Parlament Ewropew;

7. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb iċ-ċarezza u l-organizzazzjoni tal-informazzjoni u tad-data disponibbli fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF) dwar il-benefiċjarji ta' proġetti ffinanzjati mill-UE inkluż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-appoġġ għad-demokrazija; jisħaq li l-ħtieġa li l-benefiċjarji jiddivulgaw is-sorsi kollha ta' finanzjament trid tqis is-sitwazzjoni tal-pajjiżi u l-ambjent li joperaw fih, sabiex jiġi żgurat li l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni u tad-data fl-ambitu tal-STF ma tpoġġihomx f'riskju;

8. Jirrakkomanda li l-obbligi legali dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà finanzjarja jiġu applikati b'mod identiku għall-NGOs kollha u għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess oħra li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-UE;

9. Jirrimarka li l-NGOs li jirċievu finanzjament tal-UE jridu jkunu trasparenti dwar il-finanzjament riċevut; jinnota li x-xogħol tagħhom jagħti viżibbiltà lill-appoġġ tal-UE b'modi differenti, permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni, inklużi siti web uffiċjali; jissottolinja li dawn id-differenzi xi drabi jistgħu jiddependu wkoll fuq il-fatt li, f'xi pajjiżi mmexxija minn ċerti reġimi awtoritarji u illiberali u bi spazji ċiviċi mnaqqsa, it-tixrid ta' tali informazzjoni jista' jpoġġi lill-NGOs f'riskju; jitlob li jiġu stabbiliti approċċi armonizzati iżda flessibbli biex il-finanzjament tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u għall-appoġġ għad-demokrazija jsir aktar viżibbli għall-pubbliku, filwaqt li jiġi evitat li jitqiegħdu f'riskju l-NGOs li joperaw f'kuntesti prekarji;

10. Jikkundanna l-użu ta' organizzazzjonijiet sponsorjati minn gvernijiet ta' pajjiżi terzi (NGOs organizzati mill-gvern (GONGOs)) biex ixerrdu diżinformazzjoni u narrattivi foloz relatati, b'mod partikolari, ma' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

11. Jisħaq li l-finanzjament minn pajjiżi terzi ta' entitajiet ġuridiċi bbażati fl-UE, inklużi NGOs, li jwettqu attivitajiet ta' lobbying jew ta' promozzjoni fl-UE u li jkollhom l-għan

li jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika barranija tal-UE, jistgħu xi drabi jesponu lil dawn l-entitajiet għal influwenzi esterni malinni; jemmen li r-rekwiżiti ta' trasparenza ma għandhomx, madankollu, jistigmatizzaw il-finanzjament barrani leġittimu; ifakkar, f'dan ir-rigward, is-sejbiet tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni[3], u tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni[4], filwaqt li jenfasizza r-riskji ta' ndħil barrani u diżinformazzjoni li jirriżultaw minn xi NGOs iffinanzjati minn pajjiżi mhux tal-UE; jappella għal aktar riflessjoni dwar l-istrateġija u l-approċċi futuri tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jindividwaw u jipprevjenu r-riskji ta' korruzzjoni u ndħil barrani fit-tfassil tal-politiki tal-UE; jenfasizza li fil-kuntest tal-allegazzjonijiet reċenti ta' korruzzjoni kontra xi Membri u ex Membri tal-Parlament Ewropew, NGO mhux irreġistrata fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE u li l-għan iddikjarat tagħha kien li twettaq attivitajiet ta' promozzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, hija suspettata li ntużat bħala vettur ta' ndħil barrani; iqis li hemm interess pubbliku f'li wieħed ikun jaf is-sorsi finanzjarji, inkluż il-finanzjament mhux tal-UE, tal-partijiet ikkonċernati kollha attivi fl-oqsma tal-lobbying jew tal-promozzjoni, filwaqt li kwalunkwe miżura f'dan ir-rigward jeħtieġ li tkun proporzjonata, u tipprevjeni kwalunkwe limitazzjoni mhux intenzjonata fuq id-drittijiet fundamentali;

12. Jilqa' l-progress li sar fl-użu tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE u jimpenja ruħu li jkompli l-ħidma tiegħu biex jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġistru u jsaħħaħ il-monitoraġġ tad-data li fih; jirrimarka li, bħala regola ġenerali, id-data finanzjarja annwali dwar is-sorsi ta' finanzjament, inklużi l-għotjiet tal-UE u d-donazzjonijiet domestiċi u mhux tal-UE, ta' entitajiet ġuridiċi rreġistrati ssir disponibbli għall-pubbliku skont ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE; jisħaq li, mit-12 ta' Lulju 2023, il-parteċipazzjoni ta' "rappreżentanti ta' gruppi ta' interess" bħala mistednin attivi fl-eventi tal-Parlament issir bil-kundizzjoni li jirreġistraw minn qabel fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, għajr f'każijiet fejn ir-reġistrazzjoni x'aktarx tipperikola l-ħajja jew is-sikurezza personali ta' individwu jew l-eżistenza tal-entitajiet ikkonċernati jew meta raġunijiet konvinċenti oħra jirrikjedu l-kunfidenzjalità; ifakkar li r-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE (l-Anness II) jirrikjedi li l-NGOs jipprovdu s-sorsi ewlenin tal-finanzjament tagħhom skont il-kategorija, inklużi l-fondi tal-UE; jisħaq li l-miżuri li jirrikjedu li l-NGOs jiddivulgaw is-sorsi kollha ta' finanzjament iridu jqisu s-sitwazzjoni tal-NGOs li joperaw f'pajjiżi taħt reġimi awtoritarji u illiberali, b'mod partikolari meta d-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tista' tpoġġi lilhom u lil xogħolhom f'riskju minħabba l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni repressiva bħal-liġijiet dwar l-"aġenti barranin" u dispożizzjonijiet simili; jiddispjaċih dwar il-fatt li r-reġistrazzjoni timponi piż burokratiku kbir fuq OSĊ żgħar ibbażati f'kontinenti oħra, li normalment ma jaħdmux jew ma jwettqux attività ta' promozzjoni fil-postijiet tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob li ssir valutazzjoni tal-miżuri l-ġodda, sabiex jiġu evitati limitazzjonijiet mhux intenzjonati fuq id-drittijiet fundamentali għas-soċjetà ċivili u biex jiġi żgurat li l-miżuri adottati jkunu proporzjonati u ġusti, f'konsultazzjoni mal-OSĊ;

[3] Testi adottati, P9_TA(2023)0219.

[4] Testi adottati, P9_TA(2023)0292.

13. Ifakkar fid-deċiżjoni tiegħu stess adottata fit-13 ta’ Settembru 2023, biex jiġu emendati r-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament bl-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà[5]; jirrikonoxxi, madankollu, li l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Parlament Ewropew, għandhom ikunu aktar diliġenti fl-iżgurar ta’ trasparenza, integrità u obbligu ta’ rendikont akbar fir-rigward tal-qafas tagħhom għall-interazzjoni mal-entitajiet li jridu jiġu elenkati fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE; jappella, f’dan ir-rigward, għal skrutinju akbar mis-servizzi tal-Parlament sabiex jiġu infurzati r-Regoli ta’ Proċedura emendati tal-Parlament relatati mal-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta’ rendikont; jirrikonoxxi li huma meħtieġa aktar riżorsi biex jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont tal-attivitajiet kollha ta’ lobbying jew ta’ promozzjoni ta’ persuni jew entitajiet ġuridiċi, inklużi NGOs tad-drittijiet tal-bniedem;

14. Jappella lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex ikunu ferm aktar stretti fl-implimentazzjoni, l-infurzar u s-superviżjoni tagħhom tal-aderenza mad-dispożizzjonijiet attwali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE; jappella wkoll għat-tisħiħ tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE billi jiżdiedu l-baġit u l-persunal allokati għalih, sabiex ikun jista’ joffri appoġġ lill-applikanti u lir-reġistranti kollha, b’mod partikolari l-entitajiet u l-NGOs iż-żgħar, tul il-proċess kollu tar-reġistrazzjoni u jivverifika l-informazzjoni li jipprovdu b’aktar reqqa; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti biex issaħħaħ it-trasparenza tar-rappreżentazzjoni tal-interessi u tiżgura li l-attivitajiet ta’ lobbying jew ta’ promozzjoni, b’mod partikolari f’isem il-gvernijiet ta’ pajjiżi terzi, il-baġits tagħhom u l-ambitu tal-politiki tagħhom jiġu ddivulgati kif xieraq skont ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE u li jkunu previsti sanzjonijiet f’każ ta’ dikjarazzjonijiet foloz.

[5] Testi adottati, P9_TA(2023)0316.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
HUMAN RIGHTS AND DEMOCRACY NETWORK
CIVIL SOCIETY EUROPE

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	16.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 –: 5 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Antonio López-Istúriz White, Thierry Mariani, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Isabel Santos, Mounir Satouri, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hilde Vautmans, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Dacian Cioloş, Georgios Kyrtsos, Gabriel Mato, Juozas Olekas, Pina Picierno, María Soraya Rodríguez Ramos, Mick Wallace, Elena Yoncheva
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Charles Goerens, Eero Heinäluoma, Maria-Manuel Leitão-Marques, Dan-Ştefan Motreanu, Paul Tang, Eugen Tomac, Lucia Vuolo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

39	+
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Karolin Braunsberger-Reinhold, Andrius Kubilius, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Dan-Ştefan Motreanu, Eugen Tomac, Lucia Vuolo, Isabel Wiseler-Lima, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Petras Auštrevičius, Dacian Cioloş, Charles Goerens, Georgios Kyrtsos, Ilhan Kyuchyuk, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Eero Heinäluoma, Maria-Manuel Leitão-Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Juozas Olekas, Pina Picierno, Tonino Picula, Isabel Santos, Paul Tang, Elena Yoncheva
The Left	Marisa Matias, Mick Wallace
Verts/ALE	François Alfonsi, Reinhard Bütikofer, Mounir Satouri, Jordi Solé

5	-
ECR	Anna Fotyga, Dominik Tarczyński, Charlie Weimers
ID	Thierry Mariani
NI	Kostas Papadakis

3	0
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
The Left	Giorgos Georgiou

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni